# MINN QIEGĦ IL-BAĦAR SAL-QĊAĊET TA' L-GĦOLJIET

**mis-Segretarju Ġużeppi Agius**



Meta l-Ħadd 17 ta' Ġunju tas-sena li għaddiet ġie fi tmiemu, l-Għaqda tagħna kellha għalfejn tabilħaqq tifraħ. L-ewwel festa ta' Sta. Katerina V.M. f'Ġunju, mhux biss kienet għaddiet b'wiċċ il-ġid, iżda kienet ġiet iċċelebrata minn kulħadd bl-akbar entużjażmu u suċċess immaġinabbli, f'atmosfera ta' għaqda u ħbiberija bejn iż–Żwieten kollha. Żgur li tifhmu li bħala segretarju ta' l-Għaqda Banda Żejtun, l-għaqda li tant ħadmet biex il-festa tagħna jkollha garanzija ta' suċċess, ħassejt sodisfazzjon u sens ta' ferħ kbir. Minn qiegħ il-baħar konna tlajna sa fuq il-qċaċet ta' l-għoljiet.

Dan seħħ frott il-maturità u sens ta' responsabbiltà li wrew iż-Żwieten kollha. Kulħadd ingħaqad biex niġbdu ħabel wieħed. Kulħadd, mill-kbir saż–żgħir, iċċelebra l-festa b'sens ta' għaqda u ħbiberija. Nħossni fid-dmir niżżiħajr lil kulħadd, lil Rev. Arċipriet Dun Karm Farrugia u l-Kleru taż-Żejtun, lill-Kunsill Parrokkjali kif ukoll lill-Għaqdiet l-oħra li flimkien magħna tant jirsistu sabiex il-festi ta' barra jirnexxu. Is-sagrifiċċji li nagħmlu m'humiex żgħar, iżda f'Ġunju li għadd deher ċar li ż–Żwieten taw appoġġ sħiħ lill-Għaqdiet mużikali, lill-Għaqdiet tan-Nar u ta' l-Armar. Ta' dan kollu nirringrazzja lil kull min b'xi mod għen biex il-festa tagħna ż-Żwieten kisbet tant suċċess. Fuq kollox niżżiħajr mill-qalb lill-President, is-sur Joe Attard, lil sħabi tal-Kumitat, lill-bandisti u lis-Surmast John J. Pace, lill-membri u partitarji għall-għaqal, dedikazzjoni u responsabbiltà.

Aħna konna ilna snin nemmnu li festa fil-bidu tas-sajf kellha kull awgurju li tikseb ṡuċċess. Iżda altru taħseb u tbassar, u altru tara dak li tkun emmint isir realtà. Konna aktar minn ċerti li festa fit-tielet Ħadd ta' Ġunju kellha kollox favur tagħha. Konna ilna nistudjaw, nagħrblu u niflu s-sitwazzjoni. Kollox uriena li konna għażilna l-aħjar triq. Tkellimna u ktibna. Fehmna bl-akbar paċenzja u ppruvajna nifhmu l-ħsieb ta' ħaddieħor. Meta kollox kien miftiehem ħadna r-ruħ. B'daqshekk ma konniex wasalna. Kien għad jonqos il-mument tal-prova.

Min hu midħla tagħna jafna. Jaf li dak li nidħlu għalih ma nagħmluhx ħabta u sabta. Nidħlu fil-fond ta' l-argument u ma nħallu xejn għal rieħu. Nieħdu l-parir ta' min daq l-esperjenza. Fuq kollox inkunu ċerti li dak li nipproponu jkun ta' ġid mhux għall-għaqda tagħna biss, iżda għaż–Żwieten kollha. Fejn kien meħtieġ, dejjem konna lesti, li mingħajr ma nwarrbu l-prinċipji tagħna, ninsew l-interess partiġġjan.

Min ma jafniex, ma ntuhx tort sa barra li fil-bidu ma fehmniex. Id-dinja hekk hi. Kull min wera' t-triq qatt ma fehmuh mill-ewwel. Min għal raġuni u min għal oħra jkollu opinjoni differenti. Wara l-festa kienu bosta ż-Żwieten li fissrulna, kif ġenwinament, huma kien kontra t-trasferiment tal-festa. Bħal San Tumas riedu jaraw b'għajnejhom u jmissu b'idejhom qabel jibdlu fehmthom. Ma ntuhomx tort. Id-dinja mimlija preġudizzji u suspetti. Tiskanta kif anke fir-raħal tagħna ma nafux lil xulxin mill-qrib. Insellmu meta niltaqgħu fit-triq u nitkellmu fuq fuq waqt xi riċeviment.

B'daqshekk ma nafux lil xulxin sew. Bosta drabi noqgħodu fuq l-ewwel impressjoni li bosta drabi ma tirriflettix is-sewwa. Għar minn hekk, ġieli noqgħodu fuq li jgħidilna ħaddieħor, u għax forsi jdoqq għall-widnejna nemmnuh.

Bħala kommunità għandna bżonn niltaqgħu aktar biex insiru nafu lil xulxin aħjar. Hekk inkunu nistgħu naħdmu flimkien aktar mill-qrib u b'aktar ftehim. F'dan is-sens għad baqa' ħafna xi jsir fiż–Żejtun. Minkejja kollox aħna qatt ma tlifna l-fiduċja fina nfusna u lanqas f'ħaddieħor. Fl-Għaqda tagħna tgħallimna li d-dinja hija kiefra u iebsa ma' min iħalli lil qalbu flok lil moħħu tmexxih. Għalhekk dejjem ridna nimxu fit-triq tar-raġuni. Il-pika bla sens qatt ma kienet ħabib tagħna.

Kien b'dan kollu f'moħħna li ppreparajna l-programm tas-sehem tal-Banda Żejtun għall-ewwel festa ta' Sta. Katerina f'Ġunju. Ma hejjejniex biss programm fuq il-karta iżda hejjejna wkoll il-qalb u l-moħħ tal-membri u tal-partitarji tagħna. Fehmna lil kulħadd li l-isbaħ rigal li setgħu jagħtu lill-Banda Żejtun f'mument ta' l-akbar ferħ, kien turija ta' għaqda sinċiera u soda bejn iż–Żwieten kollha. Ma afdajna xejn u għall-grazzja tal-ħanin Alla u bil-barka ta' Sta. Katerina ix-xogħol tagħna radd frott bnin.

Konna nafu wkoll li l-ewwel festa f'Ġunju kienet ser taħbat mal-logħob tat-tazza tad-Dinja. Kien hemm min qatgħalna qalbna u bħal ried idaħħlilna f'rasna li l-festa qajl kellha ċans li tirnexxi. Qalulna li kulħadd kien ser ikun moħħu f'dan l-aqwa avveniment



*Il-Kaxxier Giuzeppi Attard (lemin) flimkien ma' l-Ass. Kaxxier Censu Galea jhejju r-rendikont finanzjarju għal-laqgħa annwali. It-tnejn jiftakru l-Każin u l-Għaqda Banda Żejtun fit-twelid tagħhom u jiftakru sew ix-xogħol kollu u s-sagrifiċċji li saru matul sittin sena sħaħ biex inxtara u nbena l-Każin kif nafuh il-lum, sabie` nbena u ġie attrezzat it-Teatru Pandora u biex inxtara l-ġnien ta' wara t-teatru. Dawn il-lum kollha tħallsu u t-tnejn sodisfatti li kollox huwa propjetà assoluta ta' l-Għaqda Banda Żejtun.*

tal-logħba tal-ballun. Ma stajniex nargumentaw fuq opinjonijiet ta' dix-xorta. Iż-żmien biss seta' jtina parir. U l-fatti wrew il-maqlub. Minkejja li l-festa kienet qed tiġi ċċelebrata għall-ewwel darba f'Ġunju, minkejja l-logħob tat-Tazza tad-Dinja, iż-Żwieten ħarġu bi ħġarhom u ċċelebrajna l-festa tal-patruna tagħna Sta. Katerina V.M. bl-aktar mod numeruż, brijjuż, u dinjituż, bħal qatt qabel. Kull attività li ġiet organizzata minn kull naħa, kisbet suċċess li qatt ma rajna bħalu qabel, suċċess li kien xhieda ħajja ta' festa mill-kbar nett. Dan is-suċċess għad jibqa' jidher fin-numru bla tarf ta' ritratti u videos li nġibdu matul il-ġimgħa tal-fesa, suriet ħajja li fina jibqgħu ikebbsu l-memorji, u lil dawk li jiġu



*Doris Brincat u Marija Agius jippreżentaw trofew f'isem il-Kummissjoni u l-partitarji nisa b'tifkira ta' l-ewwel festa ta' Sta. Katerina li saret f'Ġunju.*

warajna jfakkruhom fil-kisbiet sbieħ tagħna.

Matul il-festa li ser niffestiġġjaw din il-ġimgħa nawgura li l-ispirtu ta' ferħ u għaqda li ħakem liż-Żwieten fl-ewwel festa ta' Sta. Katerina f'Ġunju, jerġa' jirrenja din is-sena wkoll. Il-festa ta' Sta. Katerina hija taż–Żwieten kollha. Għalkemm kull għaqda għandha s-sehem proprju tagħha, dawn huma biss offerti f'ġieh il-patruna tagħna Sta. Katerina V.M. Dan għandu jkun l-ewwel ħsieb tagħna filwaqt li nibqgħu konxji li kull għemil tagħna għandu jkompli jkabbar l-unur taż-Żwieten u taż-Żejtun.



*Il-President Joe Attard jippreżenta bukkett ward lis-solista tal-Banda Żejtun Sonia Sinagra hekk kif temmet b'suċċess il-kunċert għall-Klarinett Op. 26 in Mib. Magg. ta' C.M. von Weber. Dan kien parti mill-programm korali strumentali li l-Banda Zejtun interpretat b'suċċess taħt id-direzzjoni tas-surmast Direttur John J. Pace f'lejlet il-festa tas-sena l-oħra.*